**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Disgħa u Tletin (39)**

**6 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier (*daħal għal-laqgħa fis-6.10pm*)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

39.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stefan Attard li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa.

39.1.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-Kunsillier Stefan Attard għandu jkun skużat.

**39.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

39.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 38 li saret nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2021.

**39.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

39.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li l-ewwel punt imsemmi fl-agenda rigward il-progett ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn jithalla ghal aktar tard. Dan peress li ser ikollna prezenti lill-kuntrattur tal-progett, is-Sur Victor Hili ghan-nom tar-*Road Construction Co. Limited*, sabiex jaghtina aggornament dwar ix-xoghol li ghaddej fil-prezent.

39.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru 2021, l-Awtorita' tal-Ippjanar tat l-approvazzjoni taghha sabiex ikun jista' jibda x-xoghol fuq it-twaqqiegh tal-bini ezistenti tal-Kunsill Lokali halli eventwalment jinbena Centru Civiku gdid u modern ghaz-zminijiet tal-lum.

Is-Sindku innota li l-Ministeru ghal Ghawdex accetta t-talba taghna sabiex dan il-progett magguri jkun iffinanzjat min-naha tieghu u fil-jiem li gejjin ser ikun qed jigi iffirmat il-kuntratt ta' finanzjament bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex.

Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Victor Curmi, is-Sindku innota li l-avukat tal-Kunsill, Dr. Charlie Galea LLD, gibed l-attenzjoni dwar xi kjarifici teknici li jridu jsiru fil-kuntratt. Il-Kunsill qabel li ghandna nikkuntattjaw lid-Direttur Generali, is-Sinjura Vicky Xuereb, sabiex naraw li dawn il-punti jigu kjarifikati qabel issir l-iffirmar.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li hekk kif isir l-iffirmar tal-kuntratt mal-Ministeru ghal Ghawdex, ghandu immedjatament jinhareg it-tender ghax-xoghol tat-twaqqiegh tal-bini ezistenti u tal-kostruzzjoni tal-bini l-gdid, imbaghad eventwalment fix-xhur li gejjin ikunu jistghu jinhargu t-tenders ghall-finishing u l-furnishing tal-istess binja. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinhareg tender ghas-servizzi ta' *project manager*, *project supervisor* u *technical consultant* ghall-progett. In vizta li dan huwa progett magguri, is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li trid tingab l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti qabel jigu ippubblikati dawn l-offerti pubblici.

In vizta tal-fatt li l-Kunsill diga' ghandu kuntratt mal-Perit Edward Scerri ghal servizzi ta' Perit, ser nitolbu kjarifika minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti dwar jekk dan il-kuntratt jistax jintuza ghal dan il-progett jew jekk tridx tinhareg sejha ghall-offerti appositament ghal dan il-progett.

Fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-ufficcju tal-Kunsill ghal-librerija pubblika matul iz-zmien li fih ikun ghaddej il-progett, il-Kunsill qabel li ghandna nibdew noperaw mill-ufficini l-godda f'Jannar 2022.

39.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, fil-prezent ghaddejjin bil-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 13 wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li nġabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li kien hemm persuna waħda li applikat biex timla' din il-vakanza wara li għalqet is-sejħa maħruġa minn *JobsPlus* għal dawk li qed jirreġistraw fuq *Part I*. Is-Segretarju innota li din il-persuna infurmatu li ma kinitx ser tattendi ghall-*interview* peress li lahqet sabet impjieg iehor.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li l-process ghandu jibqa' miexi kif skedat ghal dawk li qed jirregistraw fuq Part 3. F'kaz li jibqa' ma jinstab hadd li jimla din il-vakanza, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu l-awtorizazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-vakanza tinbidel ghal skala 15 (Skrivan) minflok skala 13 (Ufficjal Ezekuttiv).

39.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Richard Cauchi infurmah li l-materjal kollu għax-xogħol ta' provvista u installazzjoni tal-fanali l-ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa huwa mistenni jasal Malta nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2021.

Il-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu ittra formali lis-Sur Cauchi sabiex ninfurmawh li dan ix-xoghol irid jitlesta sal-ahhar ta' Ottubru 2021 minhabba *commitment* li ghandna mal-Awtorita' tal-Ippjanar peress li dan il-progett qed isir mill-*Urban Funds* amministrati mill-istess Awtorita'.

39.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Mario Muscat infurmah li x-xoghol ta' tahmil tar-*reservoir* fi Pjazza l-Vitorja ser ikun konkluz sa nofs ix-xahar ta' Ottubru 2021.

Il-laqgha tal-Kunsill giet sospiza fis-6.00pm sabiex il-Kunsill seta' jitkellem mal-kuntrattur Victor Hili rigward il-progett ta' rikostruzzjoni ta' Triq Marsalforn.

Il-Kunsillier Anthony Attard dahal ghal-laqgha fis-6.10pm.

Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet fis-6.25pm. Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandha tissejjah laqgha teknika ghal dawk kollha involuti sabiex jigu diskussi xi punti pendenti li fadal rigward ix-xoghol fi Triq Marsalforn.

39.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iz-zmien li nahsbu ghal kuntrattur li jista' jarma Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja ghal zmien il-Milied. Dan wara li l-Vici Sindku Aaron Agius informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Peter Azzopardi ma accettax li jaghmel dan ix-xoghol. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandna ngibu zewg kwotazzjonijiet ohra ghal dan is-servizz.

39.3.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ninsabu ghaddejjin bil-preparamenti taghna ghall-organizazzjoni tal-Kuncert tal-Milied. In vizta tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu l-awtorizazzjoni tas-Supretindent tas-Sahha Pubblika sabiex ikun jista' jigi organizzat dan il-Kuncert.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitkellmu mal-amministrazzjoni tal-*Chorus Urbanus* rigward il-possibilita' li jsiru *online reservations* ghal din l-attivita'. Rigward prezentatur tas-serata, il-Kunsill qabel li ghandna navvicinaw lis-Sur Keith Demicoli.

39.3.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li xi terzi persuni ivvandalizzaw il-*playhouse* li tinsab fil-parti ta' isfel tal-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

In viżta li din il-*playhouse* hija antika u m'għadhiex adekwata għaż-żminijiet tal-lum, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ offerta pubblika (tender) għax-xiri ta' *playhouse* ġdida u *equipment* ġdid għall-parti ta' isfel tal-istess *playing field*. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna nsibu sit alternattiv fejn jiġi rilokat l-*outodoor gym equipment* li jinsab f'din iż-żona minħabba li mhux jintuża ħafna mir-residenti. Ser naraw fejn jista' jiġi rilokat.

Peress li s-siġar tal-palm li jinsabu fir-rampi li jagħtu għall-*playing field* għandhom bżonn żabra għax qed ikunu ta' periklu għal dawk li jagħmlu użu minn dan il-ġnien pubbliku fil-lokalita' tagħna, il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu rapport lid-Direttur Neville Mercieca mid-Dipartiment tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

39.3.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iz-zmien li nimplimentaw fażi oħra tal-*masterplan* ghal-lokalita' taghna. Dan wara diversi talbiet li qed ikollna mir-residenti.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel bi tliet voti favur u astensjoni wahda li Triq 28 ta' April 1688 tigi *one-way* minn Triq Sant'Anton lejn Pjazza l-Vitorja. Ser nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex dan l-arrangament ikun jista' jidhol fis-sehh mill-aktar fis possibbli.

39.3.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li aktar kmieni llum, huwa kellu laqgħa mal-W.R. Mons. Joseph Bezzina, President tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward in-numerazzjoni u l-isem tal-isqaqien fit-Toroq 28 ta' April 1688, Ġorf, Bullara u Knisja.

Is-Sindku qal li l-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq huwa tal-opinjoni li l-isqaqien fit-Toroq 28 ta' April 1688 u Bullara jiġu enumerati b'mod uffiċjali u jkollhom ukoll isem toponomastiku.

Rigward l-isqaq fi Triq Knisja fejn kien hemm l-uffiċini tal-kumpanija *Gozo Express*, il-Kunsill qabel li dan għandu jingħata l-isem 'Sqaq Ta' Lablab' minħabba l-isem toponomastiku li bih hija magħrufa din iż-żona.

Rigward l-isqaqien fi Triq Ta' Ġorf, minkejja l-fatt li dawn huma sqaqien kemmxejn twal, il-Kunsill qabel li dawn għandhom ukoll jiġu enumerati b'mod uffiċjali u jkollhom isem toponomastiku. Ser nerġgħu ngħaddu r-rakkomandazzjonijiet tagħna lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għal deċiżjoni formali rigward din il-materja.

39.3.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima għall-pubblikazzjoni ta' fuljett żgħir ta' madwar tmien paġni li jitqassam fid-djar kollha tax-Xagħra matul ix-xahar ta' Novembru jew Diċembru u li jelenka l-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2021.

39.3.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Thomas Xerri, li huwa responsabbli mill-manutenzjoni tal-pjanti li tħawlu riċentament fil-*pots* fi Pjazza l-Vitorja, infurmah li nstab likwidu isfar fil-

ħamrija tal-istess *pots*. Dan il-likwidu jista' jkun sustanza li ntefgħet minn terzi persuni bil-għan li toqtol il-pjanta.

Peress li l-*pots* huma propjeta' pubblika, il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport lill-Pulizija u li jsir test indipendenti biex jiġi verifikat jekk intefgħetx xi sustanza tossika fil-ħamrija ta' dawn il-*planters*.

**39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

39.4.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius gibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-*bring-in-sites* ta' Triq it-Tafla, Qortin u Marga. Dan peress li dawn il-*bring-in-sites* mhumiex jitnaddfu b'mod regolari u qed ikollna diversi ilmenti mir-residenti. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-*Greenpak*, il-kuntratturi u anke lill-Aġenzija Lokali tal-Infurzar (LESA).

**39.5 Qari tal-Korrispondenza**

39.5.1 Komunikat mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar l-Iskema Fondi LESA – Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022). Applikazzjonijiet għal din l-iskema jistgħu jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2021.

Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema sabiex ikun jista' jinxtara trakk jaħdem bl-elettriku, liema trakk jintuża għal xogħol tal-Kunsill fosthom il-ġbir tal-iskart goff (*bulky refuse*).

39.5.2 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li d-Dipartiment approva li jgħaddi l-ammont ta' € 3,000 lill-Kunsill bħala fond ta' aġġustament – fond għal żoni turistiċi. Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lid-Dipartiment għal din l-għotja.

39.5.3 Ċirkulari numru 084/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'CSR Event – Regional and Local Councils'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.4 E-mail mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'informazzjoni dwar il-Premju Ħaddiem tas-Sena 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.5 Ċirkulari numru 085/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Social Field: Community Development 22/09/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.6 Ċirkulari numru 086/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'LCA Website – Publications'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.7 E-mail mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi (ANSEK), li fiha qed jistieden lis-Segretarji Eżekuttivi u lill-Kunsilliera, sabiex jipparteċipaw fil-Kungress ta' UDITE li ser isir f'Metz, Franza, nhar il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Ottubru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.8 Ċirkulari numru 087/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Invitation to: "Safe and Health with Sustainable Mobility in Malta" Online Seminar – 16 September 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.9 Ċirkulari numru 088/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'World Clean-Up Day 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.10 Ċirkulari numru 089/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Certificate Awards and Launch of Level 5 Diploma in Public Management & Governance'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.11 Ċirkulari numru 090/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'ADHD Awareness Month'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.12 E-mail mingħand Kyle Bonello li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra u lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiddiskutu t-triq 'il quddiem rigward l-aċċess tal-pubbliku għall-bajja ta' Għajn Barrani fil-limiti tal-lokalita' tagħna.

Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din il-komunikazzjoni għall-attenzjoni tad-Direttur ta' Eko-Għawdex, is-Sur Joseph Cutajar u lis-Sur Henry Cefai mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

39.5.13 E-mail mingħand Noel Vella, membru tal-Għaqda tal-Armar '2 ta' Settembru 1973', li fiha qed jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra għall-kollaborazzjoni tiegħu fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.14 Ċirkulari numru 091/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Ħaddiema RSSL u CWSEF'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.15 Ċirkulari numru SPI/SCI/6/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021'.

Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja bil-għan li ningħataw finanzjament għat-tiżjin ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Pjazza l-Vitorja għall-festi tal-Milied.

39.5.16 E-mail mid-Direttorat tad-Drittijiet Umani li fiha qed jistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għat-tnedija tal-proġett 'Equality for All in Malta' li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.17 Kwotazzjonijiet rigward ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-*playhouse* li tinsab fil-parti ta' isfel tal-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li għandu jakkwista kwotazzjonijiet oħra għal dan ix-xogħol qabel ma tinħareġ sejħa għall-offerti kif deċiż f'paragrafu 39.3.8.

39.5.18 Ċirkulari numru 6/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Is-Sibt 9 ta' Ottubru 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.19 Ċirkulari numru 7/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi legali fil-leġislazzjoni tal-Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.20 Stima mingħand is-Surmast Mro. Dr. John Galea, Direttur tal-*Chorus Urbanus*, rigward l-organizazzjoni tal-Kunċert tal-Milied organizzat mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li ser isir nhar it-Tnejn 27 ta' Diċembru 2021 fis-7.00pm fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina. L-istima tammonta għas-somma ta' € 4,000 VAT inkluża. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.21 Ċirkulari numru 093/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Covenant of Mayors'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.22 Komunikat mingħand Transport Malta rigward ħruġ ta' permessi għal għeluq ta' toroq minn nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 'l quddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.23 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar id-dsatax-il edizzjoni tal-*Europen Week of Regions and Cities* li ser issir b'mod virtwali bejn it-Tnejn 11 u l-Ħamis 14 ta' Ottubru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.24 Ċirkulari numru 094/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Pink October'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.25 Ċirkulari numru 095/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.26 E-mail mingħand Ruben Said, *Head* ta' Transport Malta, li fiha qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra rigward *bus stop* ġdida proposta mis-Sur Saviour Attard għal Triq Ġnien Xibla.

Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba peress li t-triq hija diġa' dejqa ħafna u jekk it-talba tiġi aċċettata, ser tinħoloq konġestjoni akbar ta' traffiku f'din iż-żona.

39.5.27 E-mail mingħand Yosef Magro, *manager* tal-*Gozo Action Group Foundation (GAGF)*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jinnomina membru (Sindku jew Kunsillier) li jkun jista' jirrappreżentah fil-

laqgħat tal-imsemmija Fondazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jkun rappreżentat mis-Sindku Dr. Christian Zammit.

39.5.28 E-mail mingħand Joseph Cassar, Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku Malti, b'informazzjoni rigward l-MOC Sports Awards li ser jiġu organizzati f'Malta f'Diċembru 2021. Dan l-unur jingħata lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti matul is-sena 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.29 Ċirkulari numru 096/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 20/10/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.30 Ċirkulari numru 097/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sessjoni Informattiva – Working towards safer communities – Community Policing & CRPD'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.31 E-mail mingħand il-Kunsillier Stefan Bajada sabiex il-Kunsill jikkummissjona studju aġġornat bl-informazzjoni aħħarija u moderna kollha fuq ix-Xagħra. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu stima ta' pubblikazzjoni ta' din ix-xorta.

39.5.32 E-mail mill-Awtorita' Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex (GRDA) li fiha qed tistieden lis-Sindku u/jew lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendu għal laqgħa pubblika dwar ir-riforma fl-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni li ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ottubru 2021 fis-6.00pm ġewwa l-*Gozo Innovation Hub* fix-Xewkija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.33 E-mail mingħand Dr. Deborah Camilleri, *manager* ta' Transport Malta, li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkummissjona *traffic management plan* għal Triq Ġnien Xibla.

Il-Kunsill innota li din il-materja taqa' fil-kompetenza ta' Transport Malta u l-Kunsill jirrispetta tali ġurisdizzjoni.

39.5.34 Ċirkulari numru 8/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata '*Offsetting* tal-ispejjeż relatati mal-*Wasteserv*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.35 Ċirkulari numru 098/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EU Code Week 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.36 Ċirkulari numru 099/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Litterless challenge to local councils 18 – 28th October 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.37 Ċirkulari numru 9/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lill-ħaddiema tal-iskejjel'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.38 Ċirkulari numru 100/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Wirt Kulturali Intanġibbli – ICH Malta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.39 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar estensjoni tal-Iskema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.40 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar estensjoni tal-Iskema Reġjonali – Ambjent 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.41 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar l-Iskema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.42 Ċirkulari numru 101/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'EUCF 3rd call – Online Webinar 18/10/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.43 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistaqsi dwar il-possibilita' li l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jipprovdu sala fejn ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat tar-Reġjun.

Il-Kunsill innota li preżentament m'għandniex sala spazjuza u adekwata fejn nistgħu nospitaw tali laqgħat.

39.5.44 E-mail mingħand is-Sur Kenneth Cutajar, *Chief Operating Officer* tal-Kumpanija *District Operations Limited*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiddeċiedi dwar ir-rata ta' *performance bonus* li ser tingħata lill-ħaddiema li huma assenjati mal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

39.5.45 E-mail mingħand il-Perit Godwin Sultana b'informazzjoni dwar il-proġett propost għat-tisbieħ fi Triq Gajdoru kantuniera ma' Triq Qasam ta' Dun Anton.

Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-parir tekniku ta' Transport Malta bħala l-Awtorita' responsabbli mis-sinjali tat-traffiku f'Malta u Għawdex qabel ma jagħti l-opinjoni tiegħu rigward din il-proposta.

39.5.46 Ċirkulari numru 102/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Planning and Leading a Team – Mentor Aid Session 15/09/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.47 Ċirkulari numru 103/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Festin tal-Milied għat-tfal 08/12/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.5.48 E-mail mingħand Andrew Debattista, propjetarju ta' 'The Segond' fi Triq Kumittiva, li fiha qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex (i) it-triq quddiem il-propjeta' tiegħu tiġi pavimentata bil-*paving* u (ii) sabiex ix-xogħol ta' *trenching* li fadal isir skont il-permess maħruġ minn Transport Malta jkun jista' jsir fil-perijodu bejn it-13 ta' Ottubru u l-1 ta' Diċembru 2021.

Fir-rigward tat-talba (i), il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Fir-rigward tat-talba (ii), il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li x-xogħol ikun kopert mill-permessi kollha tad-Dipartiment tat-*Trenching* u awtoritajiet oħra relevanti.

**39.6 Ilmenti mir-residenti**

39.6.1 Talba mingħand Rose Curmi ta' Triq San Ġorġ Preca sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jressaq talba formali lill-Ministeru għal Għawdex ħalli tinfetaħ it-triq maġenb ir-residenza tagħha li tinfed għal Triq Ta' Stellini. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

39.6.2 Talba mingħand Rose Curmi ta' Triq San Ġorġ Preca sabiex isir ftit siment quddiem ir-residenza tagħha minħabba li t-triq tinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

39.6.2 Talba mingħand Josef Saliba ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex (i) isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu u (ii) Triq it-28 ta' April 1688 issir *one way* għat-traffiku. Rigward talba (i), il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Rigward talba (ii), il-Kunsill diġa' iddeċieda dwarha f'paragrafu 39.3.9.

39.6.3 Talba mingħand Angie Marie Haber ta' 'Waterloo', Triq il-Kumittiva, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.4 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex (i) issir *traffic management plan* fi Triq Knisja qabel ma ddur għal Triq Ġnien Imrik u (ii) issir *traffic management plan* fi Triq Knisja qabel ma ddur għall-Plots fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perita Mariella Xuereb sabiex tipprepara dawn il-pjanti qabel ma jitressqu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.5 Talba mingħand Josef Refalo ta' Triq Ta' Gajdoru sabiex issir *traffic management plan* fil-*junction* bejn Triq it-Tiġrija, Triq Għajn Qamar, Triq

Vestru u Triq Għonqa. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perita Mariella Xuereb sabiex tipprepara din il-pjanta qabel ma titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.6 Talba mingħand Mohammed El Mehdy ta' Triq Ġużeppi Bajada sabiex issir *communal reserved parking bay* għad-*disabled* quddiem ir-residenza tiegħu fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.7 Talba mingħand Mark Grech ta' 'La Verna', Triq l-Għejun, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu peress li t-triq hija dejqa u qed ikun hemm problema biex ikun jista' joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.8 Talba mingħand Roderick Galea ta' 100, Triq it-Tiġrija, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata ta' garaxx li għandu fi Triq Bullara peress li qed ikollu problema biex joħroġ id-dgħajsa tiegħu mill-istess garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.9 Talba mingħand Joseph Refalo ta' Sqaq fi Triq Knisja sabiex dan l-isqaq jiġi b'aċċess ristrett għar-residenti u l-bdiewa li jridu jidħlu fl-għelieqi tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.10 Talba mingħand Joseph Refalo ta' Sqaq fi Triq Knisja sabiex dan l-istess sqaq jingħata l-isem 'Triq Fuq l-Għar' minħabba li preżentament m'għandux isem. Il-Kunsill innota li din il-materja diġa' ġiet diskussa f'paragrafu 39.3.10.

39.6.11 Talba mingħand Gordon Grech ta' 'Żibġi Court', Triq Ta' Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprobixxu l-ipparkjar quddiem din il-blokka peress li qed ikun hemm problema kbira ta' parking f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

39.6.12 Talba mingħand Ġanni Attard ta’ 25, Triq Ġnien Imrik, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu. Is-Sur Attard għandu l-permess ta’ sid ir-residenza ta’ faċċata sabiex tkun tista’ ssir l-applikazzjoni għal dawn is-sinjali. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

39.6.13 Talba mingħand Victor Attard ta’ Trejqet Ġorġ Cini sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa ta’ garaxx li għandu fi Triq Tas-Sruġ. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

39.6.14 Talba mingħand Victor Attard ta’ Trejqet Ġorġ Cini sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-bidu ta’ Triq l-Ifran peress li qed ikun hemm problema biex vetturi li jkunu ġejjin minn Triq San Ġużepp iduru għal Triq l-Ifran. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

39.6.15 Talba mingħand Salvina Teuma ta’ Triq Ġnien Xibla sabiex jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm quddiem ir-residenza tagħha peress li m’għandhom l-ebda użu fil-preżent. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

**39.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

39.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta’ pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

39.7.2 L-iskeda ta’ pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**39.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

39.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-7.40pm u ġiet aġġornata b’mod unanimu għal nhar il-Ħamis 11 ta’ Novembru 2021 fil-5.30pm b’aġenda li tkun komunikata aktar ‘il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**